

eHealth Digital Service Infrastructure

Avviż ta' Tagħrif għall-Pazjenti

Dan id-dokument għandu l-għan li jgħarraf lill-pazjenti dwar l-iskambju tad-data personali tagħhom f'kuntest transfruntier, b'mod konċiż, trasparenti, li faċli jinqara u li m'għandux bżonn spjegazzjoni.

1. X'inhom l-Infrastruttura ta' Servizzi Diġitali tas-Saħħa elettronika?

L-Infrastruttura ta' Servizzi Diġitali tas-Saħħa elettronika (eHDSI jew eHealth DSI) tippermetti aċċess sikur u faċli għad-data medika għall-professjonisti tal-kura tas-saħħa involuti fil-kura jew fil-forniment tal-mediċini.

Din l-Infrastruttura tipprovdi lill-professjonisti fil-kura tas-saħħa aċċess għad-data medika tar-residenti tal-UE, permezz ta' mezzi elettroniċi - f'kull ħin u kullimkien fl-UE.

Dan jittwettaq permezz ta' portal sigur iprovdut minn Punt ta' Kuntatt Nazzjonali għas-Saħħa Elettronika (NCPeH) maħtur minn kull pajjiż.

Kull organizzazzjoni maħtura bħala NCPeH tassumi r-responsabbiltà bħala kontrollur tad-data għall-ġbir, għall-ħżin, għat-trasferiment u għal attivitajiet ta' pproċessar oħra tad-data fir-reġistru mediku tagħha.

Dan ifisser ukoll li d-data personali tiegħek tiġi rreġistrata, trasferita u maħżuna f'konformità mal-liġi tal-pajjiż fejn tingħata l-kura.

2. X'inhuma l-kategoriji kkonċernati tad-data dwar is-saħħa personali tiegħek?

- Is-sommarju tal-pazjent – is-sett bażiku ta' data medika tiegħek jinġabar mill-pajjiż ta' affiljazzjoni tiegħek sabiex tkun tista' tingħata l-kura f'pajjiż ieħor tal-UE¹. Is-sommarju tal-pazjent ikun fih tagħrif dwar data importanti tal-pazjent bħal pereżempju allerġiji, medikazzjoni attwali, mard u operazzjonijiet kirurġiċi fil-passat, li jkun meħtieġ sabiex tingħata kura xierqa barra minn pajjiżek.
- Riċetta elettronika u dispensar elettroniku – tista' tikseb riċetta għal mediċina mingħand fornitur tal-kura tas-saħħa fil-pajjiż ta' affiljazzjoni tiegħek u tirċievi l-medikazzjoni minn spiżerija f'pajjiż ieħor tal-UE. Ir-riċetta elettronika fiha essenzjalment l-istess tagħrif bħal riċetta regolari fuq karta, jiġifieri l-

¹ Bħalissa, is-sistema hija miftuħa wkoll għall-Iżlanda, għal-Liechtenstein, għan-Norveġja u għall-Lżvizzera.

identifikazzjoni tat-tabib, tal-pazjent u l-mediċina ordnata mit-tabib. Id-dispensar elettroniku jinkludi l-mediċina mogħtija.

Dan it-tagħrif huwa disponibbli sakemm id-data personali tiegħek tkun irreġistrata f'forma elettronika fil-pajjiż ta' affiljazzjoni tiegħek.

3. X'inhil-bażi legali għall-użu tad-data personali tiegħek?

Meta tingħata kura jew mediċina barra minn pajjiżek, id-data tiegħek tiġi rreġistrata fil-pajjiż fejn tingħata l-kura skont ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data), il-liġijiet ta' dak il-pajjiż u l-prattiki tal-fornitur tal-kura tas-saħħa partikolari.

4. X'inhil-iskop tal-ipproċessar tad-data?

Id-data medika tiegħek se tintuża biss għall-kura medika tiegħek jew għall-forniment tal-mediċini.

Madankollu, f'xi pajjiżi tal-UE din id-data personali tista' tintuża wkoll, taħt ċerti kundizzjonijiet, għal skopijiet oħra previsti mil-liġi, bħall-istatistika, il-monitoraġġ u r-riċerka sabiex titjeb il-kwalità tas-saħħa pubblika.

Għal dawn l-iskopijiet sekondarji, l-Istati Membri parteċipanti tal-UE impenjaw ruħhom li jstabbilixxu salvagwardji tekniċi u organizzattivi xierqa bħall-anonimizzazzjoni tad-data personali fejn meħtieġ.

Minbarra għall-kura tiegħek, fil-Portugall id-data personali tiegħek tista' tintuża biss għall-iskopijiet sekondarji previsti fl-Artikoli 5.º/1/b) u 89.º tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data.

5. Min jipproċessa u jkollu aċċess għal din id-data?

Id-data personali tiegħek se tkun aċċessibbli biss minn professjonisti tas-saħħa awtorizzati u identifikabli involuti fil-kura tiegħek jew fil-forniment tal-mediċini li jkunu marbutin bis-sigriet professjonali fil-pajjiż fejn tingħata l-kura.

Kull pajjiż fejn tingħata l-kura impenja ruħu li jiżgura li l-professjonisti tas-saħħa parteċipanti (inklużi t-tobba, l-infermiera, l-ispiżjara u professjonisti tas-saħħa oħrajn rilevanti għall-iskambju transfruntier tad-data medika) u l-fornituri tal-kura tas-saħħa fit-territorju tiegħu jkollhom tagħrif u taħriġ adegwat dwar dmirijietom.

Meta d-data tiġi trasferita lejn pajjiż ieħor tal-UE permezz tal-eHDSI, ir-riċevituri kollha tad-data jassumu r-responsabbiltà għall-ipproċessar ta' din id-data fl-ambitu tal-

attivitajiet tal-ipproċessar tad-data. Ir-riċevituri tad-data li jassumu dawn ir-responsabbiltajiet huma:

- L-organizzazzjoni tal-kura tas-saħħa fil-post fejn tingħata l-kura;
- L-ispiżerija fejn tirċievi l-mediċina ordnata mit-tabib;
- L-NCPeH fil-pajjiż li fih tiġi trasferita d-data;

Jekk jogħġbok irreferi għas-sit web tal-eHDSI għall-Istati Membri parteċipanti tal-UE: <https://ec.europa.eu/cefdigital/wiki/x/XplqB>. Id-data tiġi trasferita permezz ta' portal sigur ipprovdut mill-NCPeH maħtur minn kull pajjiż.

6. X'tip ta' data personali tiġi proċessata?

Hawnhekk tista' ssib aktar tagħrif iddettaljat dwar it-tipi differenti ta' data li jiġu proċessati meta tingħata kura jew medikazzjoni fil-pajjiż fejn tingħata l-kura:

Sommarju tal-Pazjent	
Data proċessata:	
i)	Identifikazzjoni tal-pazjent barrani
ii)	Allerġiji
iii)	Medikazzjoni
iv)	Dijanjosji u mard
v)	Operazzjonijiet kirurġiċi u proċeduri
vi)	Data oħra dwar is-saħħa pprovduta mill-pajjiż ta' affiljazzjoni fis-sommarju tal-pazjent tiegħu
Riċetta elettronika (eP) /Dispensar elettroniku (eD)	
Data proċessata:	
i)	Identifikazzjoni tal-pazjent barrani
ii)	Lista' ta riċetti attivi għall-pazjent barrani
iii)	Riċetta li trid tinħareġ mill-ispiżerija Portugiża
iv)	Komunikazzjoni tad-dispensar lill-pajjiż fejn tingħata l-kura

7. Fejn u għal kemm tinħażen id-data personali?

Id-data personali miġbura tista' tinħażen fis-sistemi ta' informazzjoni tal-istituzzjonijiet tas-saħħa kemm fil-pajjiż ta' affiljazzjoni tiegħek kif ukoll fil-pajjiż fejn tingħata l-kura. Id-data m'għandhiex tinħażen għal aktar milli jkun meħtieġ għall-iskop li għalih tkun ġiet ipproċessata. Il-perjodi ta' ħażna applikabbli fil-Portugall huma dawk definiti mil-leġislazzjoni nazzjonali u minn kwalunkwe awtorizzazzjoni maħruġa qabel mill-awtorità nazzjonali għall-protezzjoni tad-data skont il-Liġi Nru 67/98 tas-26 ta' April.

Il-perjodu ta' ħażna fi Stati Membri oħra jista' jvarja. Aktar tagħrif speċifiku dwar il-perjodi ta' ħażna fl-Istati Membri huwa disponibbli fuq is-sit web tal-eHDSI: <https://ec.europa.eu/cefdigital/wiki/x/XplqB>.

Perjodi itwal jistgħu jintużaw biss għall-arkivjar u għar-riċerka xjentifika jew storika fejn ikun hemm salvagwardji partikolari għall-privatezza (bħall-anonimizzazzjoni).

8. Id-drittijiet ta' aċċess tiegħek

F'każ li ma tippermettix li d-data personali tiegħek tiġi pproċessata permezz tal-eHDSI, id-data tiegħek ma tkunx disponibbli għat-trattament tiegħek jew għad-dispensar tal-mediċina permezz ta' din is-sistema meta tkun f'pajjiż ieħor tal-UE.

F'każ li tippermetti li d-data personali tiegħek tiġi pproċessata permezz ta' din is-sistema, int tkun tista' taċċessaha fil-kuntest tat-trattament tiegħek jew tad-dispensar tal-mediċina, jew inkella billi tibgħat talba liċ-Centro de Contacto do Serviço Nacional de Saúde (SNS) permezz tal-indirizz elettroniku atendimento@sns24.gov.pt jew billi ċċempel 808242424.

Tali aċċess għad-data personali tiegħek jista' jintalab ukoll lill-organizzazzjoni tal-kura tas-saħħa rilevanti fil-pajjiż ta' affiljazzjoni tiegħek u, skont il-każ, lill-professjonist tal-kura tas-saħħa rilevanti (inklużi tobba, infermiera, spiżjara u kwalunkwe professjonist tas-saħħa ieħor involut fl-iskambju transfruntier ta' data) fil-pajjiż fejn tingħata l-kura.

Għandek ukoll id-dritt li toġġezzjona jew titlob għar-restrizzjoni tal-ipproċessar tad-data, għandek id-dritt li tirrettifika u li d-data personali tiegħek titfassar mingħajr dewmien żejjed, u għandek id-dritt għall-portabbiltà tad-data, jekk applikabbli.

Finalment, għandek id-dritt li tressaq ilment lil awtorità superviżorja jew fil-pajjiż ta' residenza tiegħek jew inkella fil-pajjiż fejn tingħata l-kura, skont xi jkun ċ-ċirkostanzi fattwali.

L-awtorità nazzjonali għall-protezzjoni tad-data Portugiża hija l-Comissão Nacional de Protecção de Dados, li tista' tiġi kkuntattjata permezz tal-kuntatti li ġejjin:

Comissão Nacional de Protecção de Dados

Av. D. Carlos I, 134 - 1.º, 1200-651 Lisboa - Portugal

Telefon: (+ 351) 21 392 84 00

Faks: (+ 351) 21 397 68 32

Posta elettronika: geral@cnpd.pt

Id-dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet superviżorji fi Stati Membri oħra tal-UE jistgħu jinstabu fuq: <https://ec.europa.eu/cefdigital/wiki/x/XplqB>

9. Dettalji ta' Kuntatt

- **Kontrollur tad-Data**

SPMS – Serviços Partilhados do Ministério da Saúde, E.P.E.

Avenida da República, 61, 1050-189 Lisboa

Posta elettronika: secretariado@spms.min-saude.pt

Telefon: 211 545 600

- **Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data**

Posta elettronika: dpo@spms.min-saude.pt

Telefon: 211 545 600